**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 226 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmelo k/a Charles Borg**

Illum 28 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmelo k/a Charles Borg, ta' erbgha u sittin (64) sena iben Maria Borg imwieled Pieta' fit-3 t' Awwissu 1957 u li joqghod 251, Evergreen Flat 8, Triq Tumas Chetcuti, Attard, detentur tal karta tal-identita' bin-numru 567257 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol gie akkuzat talli fil-kapacita' tieghu personali u/jew fil-kapacita' tieghu ta' klijent u project supervisor kif ukoll direttur ta' Zo' Diac Properties Limited nhar il-25 ta' Marzu 2021 matul il-gurnata u fi-xhur ta' qabel f' 62/64, Triq il-Kbira, Mellieha naqas milli jiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol billi naqas milli jiehu mizuri xierqa u sufficjenti sabiex jipprevjeni waqghat mill-gholi u dan ai termini ta' Art 6 ta' A.L. 88/2018.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-22 t'April, 2022, fejn il-Qorti sabet lill-qua imputat Carmelo k/a Charles Borg mhux hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament illiberatu mill-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali pprezentat fid-19 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo k/a Charles Borg u minflok issib htija u tinfliggi piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-esponent jhossu aggravat minn dina s-sentenza u minnha jixtieq jinterponi dan l-umili appell.

Rat illi fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta nota li kien bi hsiebu jappella u sussegwentement fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn w ghoxrin (2022) l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat b' tali sentenza in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghogobha tillibera lill-imputat abbazi tal-argument illi galadarba l-ispettur tal-OHSA ikkonfermat li ma kienx qed isir xoghol u l-imputat xehed illi is-sit in kwistjoni kien ilu maghluq ghax skont hu il-prezz tal-proprjeta' fl-2020 kien tbaxxa tant li waqqaf lill-haddiema u ghalaq is-sit u bhala lqugh kellu biss wires kif ben jdhru fir-ritratt in atti, wara li l-Onorabbli Qorti osservat illi d-definizzjoni ta' "post tax-xoghol" skont il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta tinkludi fejn isir xoghol jew li ghalih il-haddiem ikollu access waqt il-

kors tal-impieg tieghu u d-definizzjoni ta' sit ta' xoghol skont l-Avviz Legali 88 tal-2018 bhala fejn jitwettqu xogholijiet ta' bini jew ta' inginerija civili u ghaldaqstant stante illi l-gurnata tal-ispezzjoni ma kienx ghaddej xoghol u l-ispettur tal-OHSA ikkonfermat dan, ghaldaqstant illiberat lill-imputat .

Illi l-esponent hassu aggravat fil-fatt u fi dritt stante illi mir-ritratt in atti jidhru bic-car is-sinjali FOR SALE u anke sinjali ta' agenti ta' bejgh fuq is-sit in kwistjoni u ghaldaqstant billi l-imputat qal illi l-prezz tal-proprjeta fl-2020 kien naqas (zgur mhux minnu skont il-Property Price Index), li kien waqqaf lill-haddiema milli jkomplu jahdmu u tant hu hekk illi hu biss kellu c-cwievet tal-post, ma tistax ma tikkonkludix illi stante illi galadarba illi kien hemm is-sinjal ghall-bejgh allura ' viewings' sabiex jinbiegh post kienu possibbli u l-gallariji b' wire biss zgur kienu joffru perikolu kif jidher ben tajjeb mir-ritratt provdut in atti.

Illi skont l-Avviz Legali 88 tal-2018 (L.S. 424.36) id-definizzjoni ta' progett hija kull zvilupp li jinkludi jew li hu intenzjonat li jinkludi xoghol ta' kostruzzjoni, ergo avolja ma kienx lest il-bini jekk hemm l-intenzjoni li jinkludi xoghol ta' kostruzzjoni, ghaldqastant huwa inkluz fl-istess bini illi ghandu jkun hemm is-salvagwardji mehtiega tas-sahha u tas-sigurta' ! Di piu' Skeda 1 Numru 3 tal-istess Avviz Legali tinkludi l-BINI bhala parti minn lista mhix ezawrjenti ta' xoghlijiet ta' bini u inginerija civili. Galdarba is-sit in kwistjoni huwa progett intenzjonat ghall-kostruzzjoni li jirrizulta f' binja, is-salvagwardji kif imsemmijin fl-Avviz Legal 88 tal-2018 (L.S. 424.36) kellhom jigu rispettati u dana stante l-fatt illi kien anke bini u bini ghall-bejgh li n-nies kienu jidhlu fih biex jarawh u l-wires f' kull sular ma humhiex skont il-ligi, anzi skont il-ligi l-ilqugh kellhom ikunu zewg injamiet u mhux daqsxejn ta' wire iperper f' kull sular!

Illi fl-istess Avviz Legali fl-Iskeda B numru 5 fejn jitratta "Waqghat mill-Gholi" u partikularment is-sub-inciz 5.1 il-legizlatur haseb ghal dawn is-sitwazzjonijiet u

pprovda li fejn hemm ix-xoghol fil-gholi dan ghandu jigi ppjanat sew u mwettaq fuq il-bazi tal-htigijiet tal-artikolu 6(2) tal-Att u regolament 10 tar-regolamenti dwar id-dispozizzjonijiet Generali ghas-Sahha u s-Sigurta′ fuq il-postijiet tax-xoghol. Di piu l-artikolu 5.2 jistipula li fejn isir ix-xoghol fil-gholi, kull min ihaddem u/jew il-persuna impjegata ghal rasha, ghandhom jiehdu mizuri xierqa u sufficjenti biex jipprevjenu kull persuna li taqa′ distanza li tista′ tikkawza dannu personali.

Illi fl-Iskeda B numru 5.4 u 5.5 tal-istess Avviz Legali l-legizlatur juri bl-aktar mod inekwivoku kif ghandhom isiru l-ilqugh filwaqt illi fin-numru 5.5 johrog car illi dan is-salvagwardji ghandhom isiru sabiex ″......jipprevjeni l-waqa′ ta′ persuni....″ ergo mhux haddiema biss stante illi din il-legizlazzjoni hija ntenzjonata sabiex fl-ahhar mill-ahhar jigu evitati telf ta′ hajjet in -nies kollha u mhux jekk inti haddiem biss!

Ghalhekk fl-umli fehma ta′ l-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tifli bir-reqqa d-definizzjoni ta′ progett u l-Iskeda 1 fejn hemm il-kelma bini fin-numru 3 u wara tiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

**Ikkunsidrat,**

Illi ghalkemm mhux stipulat b′mod car, l-aggravju tal-Avukat Generali jidher li hu bbazat fuq apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta′ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta′ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta′ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-

provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[1] [12.5.94; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*[6]

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[2] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989.
[3] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991.
[4] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[5] ([1969] 1 QB 276
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt</u>**[7], deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din ilQorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, that ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

---

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru,1994.

Il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat u tal-provi prodotti lil Qorti b'referenza ghal kawza in kwistjoni.

**<u>Mira Borg Pisha</u>**[8] xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit fejn qalet illi nhar il-25 ta' Marzu, 2021 ghamlet spezzjoni go sit ta' kostruzzjoni f'62-64, Triq il-Kbira, Mellieha fejn irrizulta li s-sit kellha diversi nuqqasijiet ta' ilqugh mal-gallarija tal-faccata. Waqt l-ispezzjoni ma ratx haddiema fuq il-post. Hi ghamlet il-verifiki mar-rekords ta' l-Awtorita' fejn irrizulta li n-notifika tal-kostruzzjoni (CNF 336B, 07, 19) ta' sit imsemmija hi f'isem il-kumpanija Zo'Diac Properties Ltd. Minn ricerka li saret irrizulta li s-supervisor tal-progett certu James Delia kien irrizejna fil-5 ta' Novembru 2020. Sussegwentament minhabba n-nuqqasijiet li gew innotati ntbaghtet ordni bil-miktub permezz ta'imejl lill-appellat datata 25 ta' Marzu, 2021 u dan sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi. Min-naha tal-appellat baqa' ma rcievew l-ebda tip ta' korrispondenza.

**Mira Borg Pisha**[9] xehdet in kontro-ezami nhar it-22 t' April, 2022 fejn ikkonfermat illi hi marret fuq il-post nhar il-25 ta' Marzu, 2021 u anke drabi ohra. Hi qalet illi nhar il-25 ta' Marzu, 2021 ma kienx hemm xoghol izda hi hadet ritratti tal-binja diga lesta u fi stat avvanzat tal-*construction* u mkahhla. Hi ma rat lil hadd jahdem fuq is-sit u ma setghetx tidhol fl-istess sit ghax kienet maghluqa.

**<u>PL Quentin Tanti</u>**[10] xehed nhar it-22 t' April, 2022 fejn ikkonferma li Charles Borg kien id-direttur ta' Zodiac Properties Limited fil-25 ta' Marzu, 2021.

---

[8] Fol. 2 tal-process.
[9] Fol. 22 tal-process.
[10] Fol. 19 tal-process.

**Carmelo Borg**[11] xehed nhar it-22 t' April, 2022 fejn qal li x-xoghol kien ilu wieqaf minn nofs Novembru 2020 ghaliex il-prezz tal-propjeta' hemmhekk waqa' u ghalhekk ghalqu s-sit, waqfu s-safety officer li kellhom u ma sarx xoghol izjed qabel Jannar 2022. L-access ghas-sit kellu l-bieb ta' barra isfel kien mwahhal, il-bieb tal-bejt imwahhal u ma seta' jidhol hadd. Cavetta kellu hu biss. Hu spjega illi mal-gallariji tal-faccata m'hemmx ilqugh. L-ilqugh kien fuq in-naha ta' gewwa ghax it-terazzin fih tlett metri u nofs. Hu sostna li ma setgha jidhol hadd hemm gew. Elabora billi qal illi l-ilqugh kien jikkonsisti minn *wires* tal-azzar fuq barra tal-gallarijiet u 'l gewwa mill-gallarijiet, seba' metri, l-aperturi kienu gejjin seba' metri 'l barra mill-gallariji 'l gewwa, u kien hemm bricks u njam, li fir-ritratt ma setghux jidru u dan peress li r-ritratt ittiehed mit-triq.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appellat gie akkuzat talli fil-kapacita' tieghu personali u/jew fil-kapacita' tieghu ta' klijent u *project supervisor* kif ukoll direttur ta' Zo'Diac Properties Limited nhar il-25 ta' Marzu 2021 matul il-gurnata u fix-xhur ta' qabel f' 62/64 Triq il-Kbira Mellieha, naqas milli jiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol billi naqas milli jiehu mizuri xierqa u sufficjenti sabiex jippreveni waqghat mill-gholi u dan ai termini ta' Artikolu 6 ta' A.L. 88/2018.

Artikolu 6 ta' A.L. 88/2018 jew L.S. 424. 36 jistipula s-segwenti:

*'Is-supervisor tal-proġett għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.'*

[11] Fol. 25 tal-process.

Id-definizzjoni tal-kelma 'progett' f' L. S. 424.36 hija li '*tfisser kull żvilupp li jinkludi jew li* ***hu intenzjonat li jinkludi xogħol ta' kostruzzjoni.'*** Sit ta' kostruzzjoni skont L. S. 424.36 '*tfisser kull sit ta' kostruzzjoni fejn* ***jitwettqu*** *xogħolijiet ta' bini jew ta' inginerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom qed tingħata fl-Iskeda I.'* Din l-Iskeda tinkludi s-segwenti xoghlijiet:

1. *Tħaffir*
2. *Xogħlijiet l-art*
3. *Bini*
4. *Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati*
5. *Konverżjoni jew iffittjar*
6. *Alterazzjonijiet*
7. *Rinnovament jew restawr*
8. *Tiswijiet*
9. *Ħatt*
10. *Twaqqiegħ*
11. *Manutenzjoni fi stat tajjeb*
12. *Manutenzjoni - żebgħa u tindif*
13. *Drenaġġ*

Kif xehdet Mira Borg Pisha, hi ma ratx xoghol li kien ghadu ghaddej anzi tghid li hi ma rat lil hadd jahdem fuq dan is-sit u ghalhekk zgur li ma kienx hemm '*ongoing works*'. Tant hu hekk illi Borg Pisha tghid li filwaqt li ma ratx haddiema fuq il-post, rat '*construction site kwazi mkahhla*'. Certament illi wara t-tkahhil jigu xoghlijiet ohrajn inkluz iz-zebgha w tindif. Ghaldaqstant zgur ma jistax jinghad illi x-xoghol kien wiehed konkluz totalment u li xoghol iehor kien baqghalu jsir. Huwa minnu li dakinhar ma kienx hemm haddiema fuq il-post u li forsi ghal xi perjodu x-xoghol kien wieqaf, madankollu ma jfissirx lanqas li s-sit ma baqax

'post tax-xoghol'. Id--definizzjoni ta' 'post tax-xoghol' skont Artikolu 2 ta' Kap. 424 jistipula s-segwenti:

> *"post tax-xogħol" tfisser kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, **<u>fejn isir xogħol</u>** **<u>jew</u>** <u>li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu</u> u, mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, tinkludi vettura jew bastiment meta dak il-bastiment ikun ġewwa xi port f'Malta jew fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta, jew f'xi tarzna, port jew stallazzjoni simili f'Malta, minbarra bastiment tal-gwerra li jappartjeni lil xi stat barrani;*

Gialadarba x-xoghol ma kienx konkluz u forsi huwa minnu li ghal xi zmien kien wieqaf, kif xehed l-appellat stess ix-xoghol tkompla f'2022. Peress li huwa minnu li kien baqa' aktar xoghol xi jsir u li l-istess xoghol jaqa' taht Skeda I ta' L.S. 424. 36, allura ma jistax jinghad illi ghaliex ix-xoghol waqaf ghal xi zmien u dakinhar tal-25 ta' Marzu, 2021 ma kienx hemm haddiema fuq il-post, allura s-sit in kwistjoni ma baqghetx post 'fejn isir xoghol'.

Illi f'dan l-istadju, u wara dak kollu sucitat, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Orazio (Grazio) Vella</u>**[12] fejn il-Qort tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *41. Issa filwaqt li l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta huwa t'indoli ġenerali u jimponi l-obbligi fuq min iħaddem mingħajr ma jidentifika b'mod preċiż x'inhuma dawk il-miżuri fl-ispeċifiku li jeħtieġ li jittieħdu, l-Avviż Legali 88 tal-2018, fis-Sezzjoni II Pari B tal-Raba' Skeda tagħha, u liema Avviż Legali kien daħal fis-seħħ fl-1 t'Awissu 2018, jindika b'mod eżwarjenti*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-5 t'April, 2022

*x'inhu dak it-tagħmir li jrid jintuża sabiex jiġu evitati waqgħat mill-għoli kif ukoll x'miżuri jridu jittieħdu għall-istess skop:*

*Waqgħat mill-għoli*

*5.1. Ix-xogħol fil-għoli għandu jiġu ppjanati sew u mwettqa fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tal-artikolu 6(2) tal-Att u r-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Postijiet tax-Xogħol, (L.S. 424.18).*

*5.2. Fejn isir ix-xogħol fil-għoli, kull min iħaddem u, jew il-persuna impjegata għal rasha, għandhom jieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu kull persuna li taqa'distanza li tista' tikkawża dannu personali.*

*5.3. Fil-prinċipju, xogħol fil-għoli għandu jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta'protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta'sigurtà. Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Jekk l-użu ta' tagħmir bħal dan ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom jiġu pprovduti mezzi xierqa ta' aċċess u arneż tas-sigurtà jew metodi oħra ta' ankoraġġ għandhom jintużaw.*

***5.4 Ilqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġi mwaħħal madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara***

***personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju. Ilqugħ prottetiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb usod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall iskopli huma użati. Rpar, barriri jew forma oħra ta'protezzjoni għandhom ikunu mqiegħda sabiex jevitaw safejn hu possibli l-waqgħa tal-persuni. Meta l-għeluq huwa użat, dan għandu jkun jiftiehem b'mod li jipprevjeni l-waqa' ta' persuni, materjal jew oġġetti, liema kopertura għandha tkun kjarament mmarkata biex turi l-iskop tagħha, tiġi mwaħħla sew fil-pożizzjoni, tkun ta' kostruzzjoni tajba u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati[13].***

*42. Illi kif diġa ntqal iktar 'il fuq, kemm mix-xiehda ta' Mira Borg Pisha kif ukoll minn dik ta' Stefan Salonome, jirriżulta li dakinhar tas-7 ta' Settembru 2018 kif ukoll fil-jiem ta' qabel, l-appellat ma kellux fuq il-post ta' fejn kien qiegħed isir ix-xogħol riskjuż, tagħmir jew ilqugħ bħal dak indikat fil-Liġi. B'hekk dan ifisser li x-xogħol li kien qiegħed isir, u b'mod partikolari dak li kien iġorr miegħu riskju ta' waqa' mill-għoli, kien qiegħed isir bi ksur tal-Liġi.'*

Kif tajjeb kwotat fis-sentenza sucitata, fir-rigward il-waqghat mill-gholi l-appellat kellu jiehu l-mizuri necessarji skont il-ligi mhux sabiex jigu ssalvagwadjati l-haddiema biss izda kwalunkwe persuna, anke xerrejja prospettivi li setghu marru mieghu stess fuq il-post.

[13] Enfasi ta' din l-Onorabli Qorti

Illi r-regolament 15 ta' L.S. 424.36 iqieghed l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-imputat f'dawn il-kazijiet meta hemm hekk dispost kuntrarjament ghal principju generali li hija l proskeuzzjoni li trid tipprova il-kaz taghha:

> *F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli,* **ikun imiss lill-akkużat iġib prova,** [14]*skont il-każ, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit.*

Ghaldaqstant kellu jkun l-appellat li jgib prova illi fost affarijiet ohra x-xoghol verament kien wieqaf u li kien hemm l-ilqugh iktar il-gewwa li mir-ritratt li hadet Mira Borg Pisha ma deherx, madankollu dan m'ghamlux. Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-appell tal-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Artikolu 38(3) ta' Kap. 424 jistipula s-segwenti:

> *'(3) Kull persuna li tagħmel xi reat kontra dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u barra minn hekk, il-Qorti tista' wkoll, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tħassar il-liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-miktub jew*

[14] Enfasi ta' din l-Onorabli Qorti

*permessi maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat:*
*Iżda ebda proċedimenti ma jittieħdu kontra xi persuna li, wara li tkun irċeviet avviż mill-Awtorità għall-pagament ta' penali ta' mhux aktar minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) għax tkun kisret xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att, tottempera ruħha mad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u tħallas dik il-penali lill-Awtoritàà, fiż-żewġ każi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tkun irċeviet dak l-avviż.'*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ma sabitux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minflok issibu hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w tikkundannah ghal multa ta' elf euro (€1,000).

Din il-Qorti qeghda tordna kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja Dr. Jonathon Attard bil-ghan li jara jekk hemmx lok li jsiru xi emendi fil-ligi f'dan ir-rigward u dan ghal fini ta' kjarezza f'kazijiet bhal dawn.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur